**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**Mario Farrugia**

Illum, 11 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mario Farrugia, iben Carmelo u Josephine nee Mifsud, imwieled Sliema, fit-3 ta' Lulju, 1970 u residenti 363, Triq san Guzepp, Santa Venera, detentur ta' karta tal-identita' 291170(M)

Akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Fix-xahar ta' Novembru tat-2014 gewwa l-Facilita Korretiva ta Kordin, fi proceduri civili jew kriminali, ipprova jikkorrompi xhud, perit jew xi interpretu, sabiex jaghti xhieda falza, iew jaghmel perizja falza iew jaghti tifsir falz bit-tweghid ta' offerta jew ghoti ta' xi vantagg mhux dovut sabiex tingieghel li iinghata xiehda falza.

2. U aktar talli fi-istess data hin lok u cirkustanzi ma hallix lil persuna ohra taghti t-taghrif jew provi mehtiega f'kawza, civili jew kriminali, jew lil xi awtorita' kompetenti jew quddiemha.

3. U aktar talli kiser il-kundiizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. C. Stafrace LL.D., b'digriet datat 29 ta' Luiju 2014 f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, kif ukoll !i jirrinkaza ruhu mhux aktar tard mill-22.00hrs, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jghamel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Mario Farrugia u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoil tordna li  s-somma ta' 1500 euro bhala depositu u 5000 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Finalment akkuzat talli huwa sar recidiv ai termini ta' l-artiloli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminaii, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

- Fl-artikolu 102 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 111(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li pprova jikkorompi xhud li kellu jixhed f'guri, li ma hallix lil persuna taghti taghrif jew provi fl-istess guri, u li bhala konsegwenza ta' dan li kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u li huwa recediv.

Illi bhala fatti jirrizulta li f'Dicembru 2014 kien se jinstema' guri fil-konfront ta' hu l-imputat odjern. Fil-5 ta' Dicembru 2014 il-pulizija tad-dipartiment tal-investigazzjonijiet kriminali gew ingurmati minn certu Faiz Omar Elsallak li huwa kien gie avvicinat mill-imputat - li dak iz-zmien kien residenti fil-facilita' korrettiva ta' Kordin – li kien offrielu somma ta' flus sabiex ivarja x-xhieda tieghu fil-guri fil-konfront ta' huh u dan billi huwa kien il-parte civile f'dawk il-proceduri. Dan Faiz Omar Elsallak ghazel li jiggguramenta l-istess stqarrija li huwa ta lill-pulizija fil-5 ta' Dicembru 2014. Eventwalment il-guri instema' u l-akkuzat Noel Farrugia gie lliberat.

F'din l-istqarrija guramentata, l-istess Faiz Omar Elsallak tenna li huwa kien qala' xi daqqiet ta' sikkina fit-22 ta' Lulju 2010 minn Noel Farrugia u li ghalhekk kellu jixhed fil-guri kontra l-istess Farrugia. Huwa spjega li kien gie avvicinat minn Mario Farrugia li kien jinsab gewwa division twelve fil-facilita' korrettiva ta' kordin fejn dan kien baghtlu risposta ma' certu Walid Laouini sabiex jaraw kif jista' jixhed fil-guri. Huwa sostna li l-ewwel staqsih kemm ried flus ghaliex baghtitu ommu biex ighidlu. Ghall-ewwel qallu li ma kellux mohh u li jitkellmu imbaghad. Wara jumejn rega' sejjahlu u offrilu hamest elef euro u x-xhud ma accettax. Wara ftit jiem offrielu ghaxart elef euro bil-patt li jirrangaw l-affarijiet mal-avukat. U kull darba jibghat ghalih u baqa' tielgha sa' tlein elf euro. Il-flus ried jaghtihomlu biex imbaghad allegatament l-avukat ighidlu x'kellu jixhed fil-guri.Omar Faiz Elsallak xehed ukoll f'dawn il-proceduri[1] fejn irrepeta l-versjoni moghtija minnu fl-istqarrija guramentata. Huwa xehed li ghalkemm ma jiftakarx ezatt id-data ta' meta avvicinah Walid Laouini qal li kien madwar xahar qabel il-guri.

[1] Seduta tas-17 ta' Dicembru 2014

Walid Laouini[2] xehed li huwa kien qieghed fid-divizjoni 13 tal-facilita' korrettiva ta' kordin u imbaghad gie trasferit ghal divizjoni 12 fejn diga' kien hemm Mario Farrugia. Meta kien fid-divizjoni 13 kien qieghed ma' Faiz Omar Elsallak. Hekk kif spicca fid-divizjoni 12 xehed li l-imputat avvicinah, stqasih kienx jaf lil Faiz u staqsih biex jara ikunx jista' jirranga xi haga bejn Faiz u Noel biex Faiz iwaqqa' l-kaz li kellu ma' huh Noel. B'hekk Walid Laouini xehed li kellem lil Faiz li ma tantx ha pjacir u ma riedx jahfirlu. Xehed li l-imputat offrilu l-flus beda b'hamest elef euro u c-cifri bdew jinbidlu minn gurnata ghal ohra. Huwa qal li fid-divizjoni 12 kull ma dam kien erbat ijiem. Huwa qal li l-imputat qalli li ried li Faiz jahfer lil huh. Huwa kien ikellem lil Faiz mit-tieqa. Meta kien fid-divizjoni ma' Faiz qatt ma tkellmu dwar il-guri li kien qieghed javvicina.

Josephine Farrugia xehdet[3] li hija kienet marret tara lil binha li kien fil-facilita' korrettiva ta' kordin u mar wiehed ikellimha aktarx Libjan bil-laqam Willy li qalilha biex taghti xi flus lil Faiz biex jixhed il-verita'. Ix-xhud issostni li hija qatt ma riedet taghti flus billi l-avukati bdew ighidulha li ma kienx hemm xi biza'. Faiz rega' baghtilha risposta ohra mal-imputat b'telefown ta' avukat biex iccempel u biex tehodlu hmistax-il elf euro. Izda hija qatt ma cemplet lil hadd ghaliex ma kellhiex ghalfejn.

L-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet fejn huwa cahad li kien huwa li baghat risposta lil Faiz Omar Elsallak sabiex idawwar il-versjoni tieghu fil-guri li kien se jinstema' u li kien offrilu l-flus. Anzi l-imputat stqarr li kien proprju Faiz li baghat lil Willy Walid sabiex l-imputat jibghat risposta lil ommu sabiex taghtih hmistax-il elf euro biex jahfer lil huh. Ommu kienet diga' tafu lil Faiz fuq kwistjoni ta' senserija u skont l-imputat kien dahak biha. L-imputat spjega li lil huh Noel kien qallu b'dan izda Noel qallu biex jinjorah. L-imputat ghazel ukoll li jixhed f'dawn il-proceduri[4] u tenna li xi hmistax-il gurnata qabel ma' beda l-guri ta' huh, avvicinah Tunezin li kien precedentement fid-divizjoni ma' Faiz u qallu li Faiz ried hamest elef euro biex jixhed sew kontra huh. L-imputat jixhed li huwa qallu li huwa ma kellux x'jaqsam. Dan min-naha tieghu qallu biex icempel lil ommu. L-imputat infatti cempel lil ommu u qalilha biex tavza lill-avvukati ghaliex huwa kien se jirrapporta l-kaz.

[2] Seduta tas-17 ta' Dicembru 2014
[3] Seduta tas-26 ta' Jannar 2015
[4] Seduta tad-9 ta' Settembru 2015

Ommu qaltlu biex ma jaghmel xejn. Baqa' jiffittah u ra li kienu qeghdin jitkellmu bejniethom u fl-ahhar qalilhom li huh kien se jammetti. L-imputat imbaghad avza lill-avukati.

Dr Edward Gatt[5] xehed li meta beda joqrob il-guri ta' Noel Farrugia kienet qeghda tigi esplorata l-possibilita' ta' patteggjament mal-Avukat Generali izda ma waslux. Ftit granet qabel ma beda jinstema' l-guri, omm l-imputat qaltlu li l-Faiz kien avvicina lill-imputat biex ighaddi risposta lilha biex ighaddulu xi flus biex jibdel il-versjoni minn dik li kien ta fil-kumpilazzjoni. Dr Gatt qalilhom li dak ma jistax isir. Dr Gatt kellem lil ufficjal prosekutur u kien infurmah u imbaghad ma sema' xejn aktar. Imbaghad huwa siefer u waqt li kien imsiefer cemplitlu omm l-imputat u qaltlu li kienet giet arrestata fuq xi allegazzjoni ta' korruzzjoni. Huwa ma jafx jekk kienx sar rapport formali min-naha tal-imputat pero' Dr Gatt jixhed li huwa kien avza lill-ufficjal prosekutur.

Dr Arthur Azzopardi xehed[6] li ftit granet qabel sehh il-guri li fih kien akkuzat Noel Farrugia cemplitlu omm l-imputat. Hija nstemghet inkwetata u talbitu b'insistenza biex tmur tkellmu. Hija marret flimkien ma' Noel Farrugia. Qalulu li l-guri kien fil-qrib u li l-avukat taghhom kien Dr Gatt li kien imsiefer. Huma spjegawlu li l-allegat vittma ta-guri kien qieghed ighaddi messaggi tramite terzi persuni sabiex jaghtuh hmistax-il elf euro. Huwa qalilhom biex jinfurmaw lil Dr Gatt sabiex dan min-naha tieghu jiehu l-passi mehtiega. Huwa kien ukoll baghat sms lil Dr Gatt f'dan is-sens.

Illi minn dawn il-provi akkwiziti din il-Qorti tqis li l-versjoni moghtija mill-imputat hija ferm aktar kredibbli u hija dik veritiera. Minn dak li rrizulta huwa evidenti li ma kienx l-imputat li pprova jikkorrompi lil Faiz Omar Elsallak sabiex jaghti versjoni differenti fil-guri biex b'hekk jigi agevolat hu l-imputat. Anzi kien proprju l-istess Faiz Omar Elsallak li ried il-flus u dan bl-ghajnuna tax-xhud l-iehor f'dawn il-proceduri. Huwa evidenti li hekk kif l-imputat gie avvicinat huwa ha l-passi mehtiega biex ma jkunx hemm inkwiet. Infatti informa lil ommu li min-naha taghha kellmet mill-ewwel lill-avukati u infurmathom b'dak li kien gara u dan sabiex ma jkollhiex inkwiet la hija u lanqas uliedha.

---

[5] Seduta tad-9 ta' Settembru 2015
[6] Seduta tas-16 ta' Frar 2016

invista ta' dan lanqas it-tieni imputazzjoni ma tista' tirrizulta. L-imputazzjonijiet l-ohrajn huma konsegwenzjali u ladarba l-imputat se jigi liberat mill-ewwel zewgt akkuzi lanqas ma jista' jinstab hati tal-ohrajn.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kwindi tilliberah minnhom.

Inoltre' tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal kwalunkwe investigazzjoni u passi li jidhirlu mehtiega fil-konfront ta' Faiz Omar Elsallak u Walid Laouini.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat